MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 40/2017

Il-Ħamis 21 ta' Diċembru 2017

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

40.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier Christian Cassar kien skużat u l-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġija.

### 40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

40.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 39/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

40.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

40.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

40.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar kontijiet pendenti mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart Louis Attard li jmorru lura mis-sena 2012 fejn minħabba struzzjonijiet mill-Kunsill, WasteServ Malta Ltd ma kinitx tħalli lill-kuntrattur jidħol jarmi l-ebda skart jekk ikun hemm xi *bulky refuse* got-trakk. Din kienet ikkawżat problema kbira lill-kuntrattur peress li fl-*iskips* ir-residenti kienu jitfgħu minn kollox. Bil-konsegwenza ta' hekk, il-Kunsill ma kienx iħallas tar-rimi tal-iskart f'dawn il-ġranet u kien iħallashom il-kuntrattur. Kienet diġa' saret laqgħa mal-kuntrattur (minuti tal-laqgħa nru. 32/2017) u ntalbet il-lista tal-pagamenti lill-WasteServ Malta Ltd. Wara li ċċekjajna ġurnata b'ġurnata dawn il-kontijiet li ntbagħtu lill-kuntrattur, meta mqabblin mal-lista ta' pagamenti li saret lill-WastServ Malta Ltd, l-ammont ta' €2,121.26 huwa dovut lill-kuntrattur. Il-Kunsill qabel li dan għandu jitħallas.

40.3.2 Is-Sindku qal li l-impjegata Joanne Grima talbet bil-miktub sabiex jiġi approvat mill-Kunsill il-*vacation leave* li baqalha tas-sena 2017 li jammonta għal 58 siegħa

biex jiġi mġedded għas-sena 2018. Il-Kunsill qabel li jiġi mġedded bil-kundizzjoni li dawn it-58 siegħa jittieħdu sal-aħħar ta' Ġunju.

40.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar laqgħa li kellu mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onorevoli Silvio Parnis fejn ġie diskuss il-post mnejn qiegħed jopera l-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa saret referenza għall-prezz li qiegħed jitħallas għall-kera ta' dan il-post. Is-Sindku ssuġerixxa li jsir Ċentru Ċiviku ħdejn l-iskola Primarja. L-Onor. Silvio Parnis talab lis-Sindku biex flimkien mal-perit tal-Kunsill tintbagħat ittra lill-Ministeru tiegħu u lill-Ministeru tal-Edukazzjoni fuq dan is-suġġett. L-Onor Silvio Parnis qal lis-Sindku li hu lest li jagħti l-għajnuna lill-Kunsill fuq din il-materja.

40.3.4. Is-Sindku informa lill-Kunsill biex issir il-laqgħa annwali tar-residenti. Il-Kunsill iddeċieda biex din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta 12 ta' Jannar 2018 fil-Kunsill Lokali fil-5.00 ta' filgħaxija.

40.3.5 Is-Sindku qal li fil-Kunsill hemm il-bżonn li jinxtraw *blinds* fejn hemm il-*partition* tal-*aluminium*. Dan minħabba x-xemx li tibqa dieħla direttament fuq ġewwa filgħodu. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn il-*blinds*.

40.3.6 Is-Sindku qal li ġejja sena ta' sfidi fejn il-Kunsill irid joqgħod attent fl-infieq tiegħu minħabba xi *commitments* ta' kuntratti li l-Kunsill għandu.

## 40.4 Tweġibt għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

40.4.1 Is-Sur Daniel Cordina għamel suġġeriment sabiex issir mera fi Triq is-Sagħtrija għal min ikun ħiereġ minn din it-triq. Chev C. Saliba qal li aħjar issir stop sign miżbugħha fl-art. Il-Kunsill qabel li ssir stop sign fl-art.

40.4.2 Is-Sur Daniel Cordina staqsa biex issir tabella bl-isem tat-triq 'Kristina Galea' f'parti mit-triq Ġoma. Il-Kunsill qal li diġa kien hemm approvazzjoni tal-Kunsill fuq dan u s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din it-tabella diġa kienet ġiet ordnata.

40.4.3 Is-Sur Daniel Cordina staqsa dwar ix-xogħlijiet fuq il-Moll tax-Xwejni. Is-Sindku qal li sar appuntament mal-Perit Edward Scerri biex issir laqgħa fuq il-post sabiex ikun jista' jitkompla x-xogħol. Is-Sindku qal li jixtieq li jsir ultimatum sabiex ix-xogħol jitlesta sal-aħħar ta' Marzu 2018. Il-Kunsill qabel li jsir dan il-ftehim.

40.4.4 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar fondi li ċerti Kunsilli ġew mogħtija sabiex isiru xi toroq rurali u restawr tal-ħitan tas-sejjieħ. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien applika għal din l-iskema biex isiru Triq Wied l-Infern fiż-Żebbuġ u t-Triq li tagħti minn fejn Ta' Mena Estate għal Villa fiorita. Is-Sindku qal li sa issa ma rċivejna l-ebda risposta.

40.4.5 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar Triq iż-Żebbuġ u qalet li jkun aħjar li tintbagħat email lill-Ministru għal Għawdex personalment. Kien hemm qbil dwar dan.

40.4.6 Chev C. Saliba qal li jixtieq li fis-sena 2018, il-Kunsill jibqa' jżomm l-appuntament ta' kull xahar li ssir ħarġa kulturali lir-residenti tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel ma' dan il-punt.

40.4.7 Chev C. Saliba għamel suġġeriment sabiex bil-kollaborazzjoni mal-parroċċa, il-Kunsill jgħin sabiex intaffu l-problema ta' solitudni ta' xi residenti tal-lokalita' billi jsiru xi attivitajiet għal dawn in-nies li jsibuha bi tqila biex jintegraw mal-kumplament tar-Residenti. Huwa qal li jixtieq li dan il-punt ikun fuq l-aġenda f'laqgħa oħra fil-bidu tas-sena 2018. Kien hemm qbil mill-Kunsill.

40.4.8 Chev C. Saliba għamel suġġeriment u qal li dan qiegħed jagħmlu b'ebda intenzjoni li jsir xi tip ta' reklam. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jieħu l-inizjattiva sabiex jinġabar xagħar ta' nies permezz ta' *haircuts* li jiġu mħallsa mill-istess Kunsill. Dan ix-xagħar imbagħad jiġi mogħti bħala donazzjoni lil Puttinu Cares. Il-Kunsill laqa' dan is-suġġeriment u ġie deċiż li jittieħed parir fuq dan il-punt.

## 40.5 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

40.5.1 Ċir AKL 94/2017 – Ċirkulari Multi mill-Awtorita' tas-Saħħa u Sigurta' fuq il-post tax-xogħol

F'din iċ-ċirkulari l-assoċjazzjoni qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali sabiex iħallsu din il-multa mill-aktar fis. Dawn l-istruzzjonijiet ingħataw wara laqgħa li saret mal-Awtorita' tas-Saħħa u s-Sigurta'.

Il-Kunsill qabel li din titħallas, issa li ħarġu dawn l-istruzzjonijiet u li jsir ir-*Risk Assessment* kif mitlub. Is-Sindku informa lill-Kunsill li diġa qed nistennew kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol. Chev C. Saliba qal li għandu jiġi msemmi l-persuna responsabbli li kkawża dan in-nuqqas.

40.5.2 Cutajar Micheline – *email datata 30/11/17*

F'din il-korrispondenza, Micheline Cutajar qed tinforma lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv li għadha ma rċevietx is-salarju tal-ewwel tlett ijiem ta' Lulju 2017 flimkien ma' nofs il-*bonus* ta' Ġunju, kif ukoll il-*performance bonus* minn Jannar sa Ġunju 2017.

Chev C. Saliba informa lill-Kunsill li meta kien Sindku hu, l-OPM kien ħareġ direttiva biex tinħareġ żieda fl-onorarja tas-Sindki. Wara kienet ħarġet kontra ordni u Chev C. Saliba, bħal sindki oħra, kellu jrodd il-flus lura. Fid-dawl ta' dan hu qed jissuġġerixxi biex il-Kunsill jitlob parir legali minħabba dan il-każ.

Is-Sindku wieġeb li jkun aħjar li kieku l-Kunsill jitlob parir lid-direttur tal-Kunsilli Lokali peress li dan tal-aħħar huwa kkupjat f'din il-korrispondenza, u peress li parir legali jista' jiswa lill-Kunsill aktar flus milli l-Kunsill għandu jagħti lil Micheline Cutajar.

Chev C. Saliba qal li meta saru allegazzjonijiet kontrih u ħareġ liberat għax m'għamel xejn ħażin, kien għadda minn martirju u għamel 18-il siegħa arrestat innoċentament. Chev C. Saliba talab għall-kopja ta' din il-korrispondenza.

Il-Kunsill qabel li jgħaddi kopja tal-korrispondenza lill-kunsillier Chev C. Saliba u ġie deċiż li dan il-każ jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

40.5.3 Ilment 62/2017 – C. Saliba

Qed jitlob biex tingħata isem it-triq 'il ġewwa minn Villa Fiorita 'Daħlet tal-Merżuq' skond is-*site plan*. Kien hemm qbil biex issir.

40.5.4 Ilment 66/2017 – J. Zammit

Qed tissuġġerixxi biex ir-ritratti li nxtraw għall-kalendarju tal-Kunsill, jintużaw ukoll fil-posters tal-Banda. Kien hemm qbil dwar dan.

## 40.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;

40.6.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM31/2017 tat-Tlieta 21 ta' Novembru 2017 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

## 40.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

40.7.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 29/2017 – DOK A għall-perjodu bejn il-31 ta' Novembru 2017 u l-20 ta' Diċembru 2017 li tammonta għal €26,534.95 kienet approvata u ffirmata.

## 40.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 18 ta' Jannar 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ħamis 18 ta' Jannar 2018.

| | |
|---|---|
| *Iffirmati* | *Iffirmati* |
| **Nicky Saliba** | **Ryan Debrincat** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |